# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

**It-Tnejn 21 ta' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 70

70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 68 – 8 u Nru 69 – 8 laqgħa b'urġenza;

70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

70.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

70.5 Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2017

70.6 Tiġdid ta' kuntratti - Servizz ta' Bulky Refuse
Servizz ta' Accountant
Servizz ta' Cleaning and maintenance of Public Convenience

70.7 Bitasan – Applikazzjoni, Inizjajattiva Finanzjarja – Local Government Culture

70.8 Triq il-Kalati

70.9 Ilmenti u Suġġerimenti;

70.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2017;

70.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

70.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti preċidenti Nru. 68 – 8 u Nru. 69 – 8 (Laqgħa b'urġenza)

70.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 68 – 8 u Nru. 69 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

70.3.1 Is-Sindku f'isem il-Kunsill reġa rringrazzja lis-Sinjorina Kasy Mercieca li kienet l-ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ f'dawn l-aħħar xhur u ta merħba w irringrazzja lis-Sinjorina Marie Georgette Spiteri talli aċċettat l-kariga ta' Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ u talabha biex tattendi għall-laqgħat tal-Kunsill u tgħin fejn tista' u meta tiġi mitluba biex isir dan. Is-Sindku u l-Kunsill spjega lis-Sinjorina Spiteri l-andament tar-rwol tagħha u qalilha li l-Kunsill lest li jappoġja.

70.3.2 Is-Sindku reġa tenna u fakkar li dwar Triq Gerxija x-xogħolijiet li qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex wara nsistenza kbira li l-Kunsill b'mod unnanimu qabel li jekk ma tingħatax bit-tarmak din it-triq il-Kunsill ma kienx se jgħati l-permessi neċessarji għal invesitur privat, b'hekk intervjenew mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn taw struzzjonijiet biex din it-triq jiffinanzja l-Ministeru għal Ghawdex, ix-xogħolijiet għaddejjin b'ritmu tajjeb ħafna u llum stess waslu biex din it-triq qed tingħata t-tarmak. Il-Kunsill wera s-sodisfazzjoni kbir għal dan ix-xogħol.

70.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-pendenzi fuq il-kontijiet minn Miżura 313 (1st call) u minn Miżura 323, li nhar l-14 ta' Lulju 2017 l-Kuntrattur Gatt Tarmac Limited bgħat ittra uffiċjali bil-Qorti (Għawdex) dwar il-kontijiet pendenti minn dawn il-Miżuri, il-Kunsill mill-ewwel informa lill-Avukat b'dan u ġiet immedjatament infurmata L-ARPA li bdiet tħallas il-pendenzi fuq il-kontijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ARPA s' issa ħalset dak li l-Kunsill f'Mejju li għadda kien ħallas lill-kuntrattur l-pendenza fuq il-kont minn Miżura 313 (2nd call) mill-proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina li l-ammont kien ta' €2016.32ċ. Il-Kunsill qabel li peress li dan l-ammont issa ġie li tħallas darbtejn l-ewwel darba mill-Kunsill u ssa minn ARPA, il-Kunsill għandu jinforma lill-Kuntrattur biex dak l-ħlas li kien sar mill-Kunsill f'Mejju li għadda jitnaqqas mill-kont pendenti fuq it-toroq tal-PPP b'offerta Nru.02/2011. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie trasferit fil-kont bankarju ta' Miżura 313 (1st call) l-ammont ta' €7060.00ċ biex jitħallas l-Kuntrattur u għad fadal jiġi trasferiti ammont ieħor biex jitħallas l-ammont pendenti minn Miżura 323 li jammonta għal €6093.75ċ biex b'hekk dawn il-kontijiet bankarji jkunu jistgħu jingħalqu.

70.3.4 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill kellhom laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali u Uffiċjali mid-Dipartiment dwar l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2016. Din il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017, fil-Kunsill Lokali Għajnsielem, fid-9.00 a.m fejn ġie spjegat li l-Kunsill Lokali qed jgħamel minn kollox biex jeħles minn dan l-iżbilanċ. Din il-laqgħa posittiva ħafna u li d-Direttur għal Gvern Lokali qal li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat huwa Kunsill ġenwin u li jaħdem ħafna.

70.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li applika għal Inizjattiva finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill applika fuq it-tlett toroq li kienu saru bl-iskema tal-Public Private Partnership Triq il-Falkun, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano.

70.3.6 Is-Sindku nforma li qed jirċievi diversi kummenti dwar s-siġra l-kbira tal-awrikarja tal-Pjazza Santa Margerita li din qed tmut, dan peress li dan l-aħħar tqaċċtu xi fergħat minnha. Il-Kunsill għandu jqabbad espert u jara eżatt jekk dan hux minnhu.

## 70.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

70.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ntbagħtet komunikazzjoni ma' uffiċjal miċ-Ċentru ta' matul il-Jum għal anzjani f'Għajnsielem dwar it-tiġdid tal-ftehim għas-sena 2017 – 2018 u dwar il-ħlas dovut ta' €973.82 għas-sena li għaddiet. Meta l-Kunsill ra li mhux qed ikun hemm attendenza u frekwenza mir-residenti Ta' Sannat f'dan iċ-Ċentru talab biex dan is-servizz jieqaf b'effett immedjat, kif kien maqbul mill-Kunsill.

70.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn attendant tal-bajja f'Imġarr ix-Xini fejn talab li titwaħħal tabella No Parking fil-kantuniera fin-niżla għal bajja fejn hemm installati l-mowbajl toilets dan peress li qed isir ipparkjar u qed ikun ta' inkonvenjent kbir lis-sewwieqa kemm dawk li jkunu neżlin u anke dawk tilgħejn mill-bajja. Il Kunsill qabel li teħel tabella u magħha jeħel ukoll in-numru tal-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat f'każ ta' emerġenza.

70.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li tqabbad electrician biex jara l-vultaġġ tad-dawl fil-binja tal-Uffiċċju Amministattiv tal-Kunsill u ssa ġie installat voltage regulator f'dan il-bini.

70.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand Primary Health Care biex jekk bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill hu nteressat r-residenti 'l fuq minn 55 sena jkun jista jitlaqqam kontra l-influwenza. Il-Kunsill qabel li din għandha tingħata lil dawn ir-residenti bħas-snin l-imgħoddija.

70.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

70.4.6 Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 17 /2017 | Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġetti tal-Unjoni Ewropea WiFi4EU |
| Nru. 18/2017 | Policy Guideline dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart Eletriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali |
| Nru. 19/2017 | Streaming tal-Laqgħat online u Skema ta' Għajnuna Finanazjarja ghas-servizz tal-Internet |

| | |
|---|---|
| Nru. 20/2017 | Reġistrazzjoni skond l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud |
| Nru.21/2017 | Inizjattiva dwar Restawr ta’ Postijiet Storiċi 2017 |
| Nru 22/2017 | Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita’ – Libreriji Lokali /Reġjonali |
| Nru 23/2017 | Qualification Allowance għas-Segretarju Eżekuttiv u Haddiema Klerikali tal-Kumitati Regjonali u Kunsilli Lokali. |

70.4.7 B’referenza għal Ċirkulari Nru 22/2017 mid-DLG, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ l-ammont ta’ €200 biex jinxtraw f’kotba lill-librerija lokali, b’hekk din il-librerija ser tibbenefika €200 oħra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f’xiri ta’ kotba ġodda.

## 70.5 Rapport ta’ kull kwart April – Ġunju 2017

70.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-ewwel kwart Jannar – Marzu 2017 u li dan kien ġie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel miegħu. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.6 Tiġdid ta’ Kuntratti

70.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta’ l-Accountant jista jerġa jiġi mġedded għal sena oħra b’effett mill-1 ta’ Settembru 2017 sal-31 ta’ Awwissu 2018. Il-Kunsill qabel ma dan li jerġa jiġi mġedded għal sena oħra.

70.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Bulky refuse wkoll jista jerġa jiġi mġedded għal sena oħra b’effett mill-1 ta’ Settembru 2017 sal-31 ta’ Awwissu 2017. Il-Kunsill qabel li dan jerġa jiġi mġedded għal sena oħra.

70.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Cleaning and maintenance of Public Convenience fi Triq Sannat li riċenti ġie mġedded b’xahar Il-Kunsill sa ssa għad ma għandux risposta fl-affermativ li l-ħaddiem il-ġdid mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation jista jgħamel dan ix-xogħol biex iżomm din il-public convenience għalhekk il-Kunsill ser jġedded dan il-kuntratt għal xahar ieħor.

## 70.7 BRITASAN – Applikazzjoni, Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture

70.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill l-idea ta’ din l-applikazzjoni minn Ċirkurlari Nru 9/2017 tad-DLG u x’tikkonsisti BRITASAN. Dan dejjem jekk il-Kunsill jibbenefika għal din l-attivita’. Il-Kunsill qabel ma din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li f’din l-attivita jrid li jdaħħal l-involviment tal-Għaqdiet tal-lokal.

## 70.8 Triq il-Kalati

70.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-tkomplija bix-xogħolijiet ta' bdil ta' mains ġodda fi Triq il-Kalati mill-W.S.C. il-Kunsill għandu japplika għal fond mill-UIF u joħroġ sejħa għal din it-triq. Il-Perit tal-Kunsill lesta x-xogholijiet neċessarji biex toħroġ l-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill wara li kiteb u saret it-talba lill-U.I.F. dwar dan irċieva risposta positiva mingħandhom fejn qablu mat-talba tagħna.

## 70.9 Ilmenti u Suġġerimenti

70.9.1 Anna Lombardi Cassar talbet lill-Kunsill biex il-bankina ma residenza 110 fi Triq il-Kbira tiġi rrangata peress li hi miksura. Il-Kunsill qabel li se jieħu ħsieb li din tiġi rranġata.

70.9.2 Benita Cassar Torreggiani ilmentat dwar l-iskart li qed jitħalla barra fi Triq Skerla. Il-Kunsill qal li qed jgħamel minn kollox u jinforma lir-residenti biex l-iskart domestiku joħorġu kif stipulat skond il-ġurnata.

70.9.3 Amanda Abela ilmentat biex fil-festa ma jiġux armati gabbani quddiem il-garaxx tal-ġenituri tagħha fi Triq 28 ta' April 1688. Is-Sindku qal li l-gabbani qatt ma ngħataw il-permess biex jarmaw quddiem l-ebda garaxx.

70.9.4 Silvana Gauci ssuġerit lill-Kunsill biex jinqgħatu l-friegħi l-kbar tas-siġra tal-ficus fi Triq Marsilja. Il-Kunsill qabel li se jieħu ħsieb li jsir dan iż-żbir bil-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvillup (MGOZ).

70.9.5 Domnic Carbonaro qed jitlob lill-Kunsill biex isiru double yellow lines biswit il-garaxx tad-dar tiegħu fi 44, Triq il-Kbira peress li meta jsir xi parkeġġ mhux qed ikun jista jidħol u joħroġ bil-vettura mill-garaxx tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

70.9.6 Charles Debrincat qed jissuġġerrixi slow signs fi Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam) u d-dħul għal Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li jsir refreshments taż-żebgħa tas-sinjali tat-traffiku mal-art f'Ta' Sannat kollu.

70.9.7 Jack Galea qed jitlob lill-Kunsill biex l-bankina ta quddiem id-dar tiegħu fi Triq Sannat titwal 9 piedi fil-kantuniera peress li hemm periklu kbir għal passiġiera li jgħaddu minn fuqha. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

70.9.8 Spiro Muscat qed jitlob biex tiġi rranġata r-rampa tal-garaxx ta quddiem id-dar tiegħu. Is-Sindku qal li s-Sur Muscat kellmu u qallu li din ser tiġi rranġata minnhu stess.

70.9.9 ServizzGov bgħat ilment sabiex jinqatgħa l-ħaxix ħazin u jinġabar it-terrapien fi Triq tal-Gruwa ma ġemb ir-razzett ta' Laudi. Il-Kunsill qabel li l-Ħaddiema assenjati miegħu għandhom jgħamlu dan ix-xogħol fil-ġimgħat li ġejjin.

70.9.10 Carmen Vella qed titlob lill-Kunsill biex fi Triq Pisoniano ssir garbage T shape hanger peress li xi klieb qed iqattgħu l-boroż taż-żibel.

70.9.11 Joe Grech ta' Triq il-Kbira qed jitlob lill-Kunsill biex tiġi rranġata l-bankina ta quddiem id-dar. Il-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew dawn il-bankijiet li qed jostakolow il-bankina.

70.9.12 Joe Spiteri ta' Triq il-Kbira qed jitlob biex fi Triq il-Kbira jitneħħew il-cones u qsari fil-pots li

hemm f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitneħħew minnufih.

70.9.13 Joel Hili ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus qed jitlob il-kurduna tal-bankina peress li din ser tinbidel u ssir waħda ġdida bi spejjes tas-Sur Hili stess quddiem id-dar. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri din il-kurduna biex issir din il-bankina.

70.9.14 Gilbert Cini bgħat imejl fejn qed jitlob il-permess biex nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2018 fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini isir t-tieġ tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan irid il-permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar biex jkun jista jsir dan.

70.9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie mitlub minn min qed jgħamel użu mis-sala tal-Kunsill biex jinxtraw żewġ fans. Il-Kunsill qabel biex meta jkun il-waqt jinxtraw airconditions f'din is-sala u fis-sala tal-laqgħa tal-Kunsill.

70.9.16 Is-Sindku qal li l-Għaqda Drammatika Sannat talbet biex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill jgħin biex isir kors fil-First Aid mill-ERRC. Il-ħlas għal dan il-kors minn kull parteċipant se jkun ta' €25 filwaqt li l-Kunsill ser jissusidja €10 lil kull parteċipant mill-lokalita' Ta' Sannat.

## 70.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

70.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 70.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

70.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.52 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 28 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |